**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 390/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Rodrick Grima**

**Illum 25 ta' Lulju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Rodrick Grima, detentur tal-karta tal-identita' 136688(M);

Akkuzat talli:

1. Nhar id-9 ta' Settembru, 2017 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11.00hrs) minn gewwa l-Pieta', b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' wire tal-elettriku ghad-dannu tal-kumpanija 'Unique

Construction' u/jew xi persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 17, 18, 261, 267, 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar id-19 ta' Awwissu, 2017 wara l-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) gewwa Telghet Spencer, il-Marsa, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' oggetti ghad-dannu tal-kumpanija 'Maltacom' u/jew xi persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 17, 18, 261, 263, 267, 278(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar it-12 ta' Mejju, 2017 wara s-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) gewwa Triq San Gejtanu, il-Hamrun, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' oggetti ghad-dannu ta' Keith Bugeja u/jew xi persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, u dan bi ksur tal-Artikoli 17, 18, 261, 263, 278(1) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skont l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b'sentenza mghotija lilu mill-Magistrat D. Frendo Dimech LL.D. datata nhar it-28 ta' Ottubru, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skont l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 b'sentenza mghotija lilu mill-Magistrat J. Demicoli LL.D. datata nhar it-13 ta' Ottubru, 2016, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impostu fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), hekk preseduta mill-Magsitrat Dr M. Vella LL.D. fid-

digriet datat 26 ta' Gunju, 2017, li bih l-akkuzat kellu ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja fost l-ohrajn.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 10 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok EM1, il-fedina penali tal-imputat immarkat bhala Dok EM2, tliet okkorrenzi mmarkati bhala Dok EM3, EM4 u EM5, kopja ta' digriet datat 26 ta' Gunju 2017 immarkat bhala Dok EM6, dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok EM7, stqarrija mmarkata bhala Dok EM8, ircevuta mmarkata bhala Dok EM9, ircevuta mmarkata bhala Dok EM10, tmien ritratti mmarkati bhala Dok EM11, sett ritratti mmarkati bhala Dok AC1, zewg CDs immarkati bhala AC2 u AC3, digriet ghall-helsien mill-arrest immarkat bhala Dok EM1A, zewg sentenzi mmarkati bhala Dok EM2A u EM3A, dokument immarkat bhala Dok JB1, vera kopja ta' sentenza mmarkata bhala Dok EM4A, dokument immarkat bhala Dok ND1, tliet ritratti mmarkati bhala Dok KB1, KB2 u KB3, citazzjoni mmarkata bhala Dok DFD1.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur Elliott Magro, lil PS 918 Clayton Azzopardi, PS 1222 Karl Vella Cassia, PS 1500 Alfred Cutajar, PC 388 Clayton Azzopardi, Carmel Cutajar, Franco Pace, Kieth Bugeja, George Saliba, Jamie Borg, Noel Darmanin, Keith Bugeja, David Mercieca u lil Luke Salerno.

L-**Ispettur Elliott Magro** qal li nhar id-9 ta' Settembru 2017, il-Pulizija tal-RIU kienu qabdu lil Rodrick Grima miexi gewwa l-Pieta' b'wajer orangjo twil maghruf bhala *three phase*, li kien gie misruq ghad-dannu tal-kumpanija 'Unique'. Huwa kompla jghid li waqt li Rodrick Grima kien arrestat, l-Ispettur kien ghaddej b'diversi investigazzjonijiet fuq diversi serq. Fosthom kien hemm serq minn go binja tal-Maltacom gewwa l-Marsa, fejn

sussegwentament mis-sistema tas-CCTV gharaf lil Rodrick Grima. Kien hemm serq ta' *jigger* ghad-detriment ta' Keith Bugeja minn go sit ta' kostruzzjoni fil-Hamrun, fejn mis-CCTV jidher ukoll li kien Rodrick Grima. L-Ispettur Magro jghid li fl-istqarrija, Roderick Grima kien ammetta li l-wajer kien serqu sabiex ibieghu ghax ma kellux biex jixtri sigaretti u hobza, pero' nnegga l-involviment tieghu fis-serqiet l-ohra.

**PS 918 Clayton Azzopardi** stqarr li nhar id-9 ta' Settembru kien hemm persuna li nfurmathom li nnota persuna li qanqlitlu suspett u li seta' kien qed igorr xi haga misruqa. Wara li fittxew fl-inhawi ndikati rawh miexi u waqqfuh, arrestawh u meta saqsewh fuq il-wajer, ghall-ewwel Rodrick qal li kien tieghu, izda mbaghad qalilhom li kien sabu go *construction site* gol-Pieta'. PS 918 kompla jghid li kkuntatja lil *Unique Construction* u talabhom sabiex jinzel xi hadd mill-*managers* biex jikkonferma jekk il-wajer kienx taghhom, fejn eventwalment huma kkonfermaw fil-pozittiv.

**PS 1222 Karl Vella Cassia** ikkonferma li huwa kien hejja r-rapport wara li zewg pulizija tal-RIU qabdu lil Rodrick b'*extension* ta' *three phase* li huwa kien seraq minn Triq Pietru Xuereb.

**PS 1500 Alfred Cutajar** li huwa stazzjonat l-Ghassa l-Marsa stqarr li nhar il-21 ta' Awwissu 2017 kienu rcevew rapport mil-binja tal-Maltacom u li nhar id-19 ta' Awwissu 2017 persuna mhux maghrufa kien seraq zewg batteriji ta' *generator* u *dispenser* tal-ilma. PS 1500 kompla jghid li huma marru fuq il-post u tkellmu mal-manager Franco Mercieca u mas-*security officer* Carmel Cutajar, fejn raw ukoll filmati mis-CCTV li minn aktar stharrig gharfu lil Roderick Grima bhala l-persuna li kien hiereg bid-*dispenser* tal-ilma u l-batteriji.

**PC 388 Clayton Azzopardi** stqarr li kien ma' PS 918 Clayton Azzopardi dakinhar tal-kaz u kkonferma dak li qal PS 918 fix-xhieda tieghu.

**Carmel Cutajar** li huwa *security guard* ma' GO Plc, qal li nhar il-21 ta' Awwissu, 2017 kienu rraportaw li kien hemm *dispenser* nieqes u li meta ccekja fir-*recordings* sab li giet nieqsa nhar id-19 ta' Awwissu x'il-5.30pm, fejn huwa stqarr li mir-*recordings* ra ragel

diehel fil-kuritur u hiereg biha fuq spalltu. Cutajar kompla jghid li wara l-istess ragel gie u hareg b'xi batteriji tal-*generator*.

**Franco Pace**, bhala *Manager* tal-*Facilities Management Unit* ta' GO plc, stqarr li kien ircieva *email* minghand Carmelo Cutajar li sab xi *dispenser* u batteriji misruqa. Meta mistoqsi huwa kkonferma li kien ra l-filmat tas-CCTV u li kollega tieghu kien tahom lill-Pulizija jew gew ghalihom huma. Meta mistoqsi jekk jaghrafx lis-suspettat fir-ritratt huwa qal li ma tax kaz tad-dettalji tieghu.

**Keith Bugeja** stqarr li huwa kellu post li kien ghadu qed jirranga gewwa l-Hamrun u fit-12 ta' Mejju 2017 ircieva telefonata minn xi girien li kienu raw persuna hiereg mil-post tieghu u wara li grew warajh dan halla l-affarijiet li kien ha jisraq fuq il-post. Bugeja stqarr li rigward dan l-incident kien ghamel rapport l-Ghassa. Zid jghid ukoll li l-ghada kien cempillu gar iehor li regghu raw lil dan il-persuna u hadulu ritratti u vidjo, u Bugeja mar bihom l-Ghassa u ghaddihom lill-Pulizija. Huwa kompla jghid ukoll li kien hemm persuna iktar 'l isfel minnu li kellha l-kameras mad-dar u xi gimgha wara l-kaz il-Pulizija kien infurmah li kien gabar ir-*recordings* pero' s'hemm biss kien jaf. Huwa kkonferma wkoll li dan il-persuna dahal iktar minn darba fil-post ghax l-ewwel darba l-"jigger" ma kienx mal-affarijiet li halla warajh.

**George Saliba** bhala *manager administration* mal-GO qal li kienu ghamlu rapport l-Ghassa tal-Marsa u anke ghaddew il-*footage* lill-Pulizija, wara li dahlilhom rapport mil-*control room* li kienu naqsu *dispensers* u zewg *batteries* tal-*generator room.* Meta mistoqsi huwa stqarr li ma jafx kemm jiswew il-batteriji u d-*dispenser* u li huwa kien ra l-filmat fejn jidher il-persuna hierga bid-*dispenser* u l-*batteries*, pero' ma kienx rah fid-dettal.

**Jamie Borg** stqarr li kienu cemplulu mill-Ghassa tal-Hamrun fejn infurmawh li xi hadd kien dahal fis-sit li kien qed jahdem fiha hu bhala *electrician* mal-kumpanija Unique u kien insteraq *cable*. Huwa kompla jghid li mill-Ghassa talbuh imur sabiex jivverifika jekk kienx tal-kumpanija, li filfatt kien. Huwa qal ukoll li l-ahhar li ra l-*cable* kien il-Gimgha, u li dan insteraq is-Sibt izda hu ma jahdimx dakinhar. Huwa kkonferma wkoll dokument li kien iffirma hu stess meta gabar il-*cable* mill-Ghassa tal-Pulizija.

**Noel Darmanin** bhala *engineer* fis-sezzjoni tal-infrastruttura tal-GO stqarr, li wara li gew infurmati li kienu nsterqu xi affarijiet mis-sit tal-Marsa, huwa kien mar fuq il-post fejn sab tliet batteriji ta' *generator* misruqin, il-*cables* maqtughin u *dispenser* tal-ilma nieqes. Huwa qal ukoll li min-naha taghhom il-batteriji gew restitwiti l-ghada jew jumejn wara sabiex il-*generator* jerga' jiffunzjona. Is-Sur Darmanin ipprezenta dokument li juri l-ispiza ta' €450.74 li gew jiswew dawn il-batteriji.

Rega' xehed **Keith Bugeja** fejn ipprezenta ritratti li kien ha Luke Salerno meta rega' ra lill-imputat ghaddej quddiem il-faccata ta' Bugeja. Huwa stqarr ukoll li dawn ir-ritratti hadhom l-Ghassa.

**David Mercieca** stqarr li ghandu garaxx fejn jaghmel xoghol ta' mekkanik, faccata tar-residenza ta' Keith Bugeja, u li kien ra persuna hierga minn got-tambogg tar-residenza ta' Bugeja bi xkora bajda tal-*cotton*. Huwa qal li saqsa lil din il-persuna x'kien qed jaghmel u din il-persuna waddab l-ixkora 'l barra u telaq jigri, izda wara ftit kien rega' gie ghaliha. Meta mistoqsi Mercieca stqarr li l-persuna aktarx iswed kien liebes. Huwa kompla jghid li l-ghada jew jumejn wara kien rega' rah u x'hin rega' kellmu dan telaq. Mercieca stqarr ukoll li kien hemm xi hadd li kien hadlu ritratt lil dan il-persuna izda r-ritratt ma kienx rah. Meta mistoqsi huwa stqarr li ma jaghrafx fl-awla lil din il-persuna li ra hiereg u kellem ghal darbtejn.

**Luke Salerno** stqarr li huwa ma kienx ra s-serqa izda kien qieghed ghand il-mekkanik u dan talbu sabiex jihodlu ritratt ta' bniedem u jibghatu lil Keith Bugeja li huwa kien inzerta jafu. Huwa kkonferma li ma kienx jaf ghalfejn, u li sar jaf bil-kaz aktar tard mal-gurnata. Salerno gharaf ukoll tliet ritratti li ha hu stess tar-ragel li kien liebes l-iswed, izda huwa ma gharafx lill-imputat fl-awla.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) fejn huwa dehrlu illi mill-Kompilazzjoni tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 17, 18, 261, 267, 279(a) u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 261, 263, 267, 278(2) u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 261, 263, 278(1) u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li nhar l-20 ta' Dicembru 2018 inqraw l-Artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti speci ta' dan il-kaz ta l-bidu tieghu nhar id-9 ta' Settembru 2017 fejn il-Pulizija gew infurmati li kien hemm persuna mixja fit-triq li dehret suspettuza. Fil-fatt membri tal-iskwadra tal-RIU tal-Pulizija waqqfu persuna li wara rrizulta li kien l-imputat u cioe' Rodrick Grima. Rodrick Grima li kien fl-akwati tal-Pieta' twaqqaf u nstab li kellu fuqhu wire ta' lewn orange tal-ghamla '*three phase'*. Fil-fatt huwa kien ammetta mal-Pulizija li serqu minn sit ta' kostruzzjoni liema wire kien jappartjeni lill-kumpanija Unique Construction li kienet qieghda tahdem f'dan is-sit. Huwa gie arrestat fuq l-involviment tieghu f'din is-serqa.

Waqt il-kors tal-investigazzjoni l-Pulizija raw zewg rapporti ohra li kienu sehhew fix-xhur ta' qabel u cioe' fid-19 t'Awwissu u fit-12 ta' Mejju 2017 fejn sehhew zewgt serqiet ohra mill-Marsa u mill-Hamrun rispettivament. Illi f'dan il-kaz il-Pulizija ibbazzaw l-investigazzjoni taghhom minn filmati mehuda minn CCTV.

L-imputat fuq dawn iz-zewg serqiet nnega li kien involut fihom izda mix-xhieda tal-ispettur Elliott Magro qal li huwa gharaf lill-imputat mill-filmati tas-CCTV. Fil-filmati l-imputat deher li hiereg bl-affarijiet f'idejh minn sit ta' kostruzzjoni gewwa l-Marsa li

tappartjeni l-kumpanija GO. L-istess Ufficjal Prosekutur qal li huwa gharaf lill-imputat mill-filmat mehud minn CCTV fil-vicinanzi fejn sehhet serqa mir-residenza li dahal fiha fil-Hamrun.

**Ikkunsidrat:**

<u>Serqa minn gewwa l-Pieta:</u>

Illi bla dubju ta' xejn l-imputat meta twaqqaf mill-Pulizija gewwa l-Pieta' kellu fuqhu wire tal-ghamla '*three phase*'. Illi dan il-wire kien propjeta' tal-kumpanija 'Unique Construction' hekk kif indikat minn Jamie Borg li jahdem bhala electrician mal-istess kumpanija. Illi minghajr ebda dubju dan il-wire li nstab fuq l-imputat kien ghadu kemm insteraq mis-sit ta' kostruzzjoni gewwa l-Pieta'. Ma hemm xejn fl-atti li oggettivament ghandu jinduci lil din il-Qorti li ma toqghodx fuq il-verzjoni moghtija mill-Pulizija meta arrestaw lill-imputat.

Illi kien biss l-intervent f'waqqtu tal-istess Pulizija li arrestaw u zammu lill-imputat taht arrest wara s-sejba tal-wire li kellhu l-imputat. Illi minn dan kollu li stqarr l-imputat din il-Qorti jidhrilha b'mod car li l-imputat kien responsabbli ghas-serqa li sehhet fis-sit ta' kostruzzjoni gewwa l-Pieta ghad-dannu tal-kumpanija Unique Construction. In vista tas-suespost din il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza tas-serq fil-konfront ta` l-imputat.

Rigward l-aggravju tal-valur tal-haga misruqa, (stante kif xehed Jamie Borg a fol 76 li l-valur tieghu kien ta' madwar 250 u 300 Euro) ix-xhieda kif prodotta jixdu dwar il-valur tal-oggett li nsteraq, il-vittma indikat in effetti li kien jaqbez il-valur ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) li huwa l-valur li jrid jinqabez sabiex dan l-aggravju jissusisti. F'dan il-kaz, Jamie Borg qal li l-valur tal-wire kien ta' bejn 250 u 300 Euro li kien insteraq. Issa skont is-sentenza fl-ismijiet *Pulizija vs Joseph Cutajar* il-Qorti tal-Appell (deciza nhar it-23 ta' Settembru 2005 mill-Imħallef Vincent Degaetano) irriteniet is-segwenti:

> *"Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett*

*misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9)…"*

Illi mill-assjem tal-provi jidher li l-aggravju tal-valur tal-oggett misruq gie sodisfacentament ippruvat. Illi minn dak li qal Jamie Borg impjegat mal-kumpanija Unique Constructions, semma li fil-fatt il-valur tal-oggett misruq kien gie valutat aktar minn dak li titlob il-ligi. Illi ghalhekk fuq dik il-prova, l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' serq aggrvat bil-valur.

Illi fit-tieni u fit-tielet akkuza, l-Prosekuzzjoni qieghda tibbaza l-kaz taghha fuq filmati li gew mghoddija lilha mehuda minn CCTV. Il-Qorti hawnhekk thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v Peter Ebejer* rigward xi prova trid tressaq il-Prosekuzzjoni in sostenn ta` l-akkuzi taghha.

> *"Ta min ifakkar li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni li mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni."*

Kif gie deciz fis-sentenza *Repubblika ta' Malta v Dottor Lawrence Pullicino* moghtija nhar is-7 ta' Frar, 1991, huwa veru li l-ligi tirrikjedi l-ahjar prova, pero b'daqstant ma teskludix l-ammissibilita ta' provi sekondarji specjalment meta dawn ikunu l-unici provi disponibbli jew huma intizi biex isahhu l-ahjar prova.

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v Paul Farrugia* mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Marzu, 2000, hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-

elementi kollha tar-reat, u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant.

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz qed tibbaza l-kaz taghha kemm fuq provi cirkostanzjali, kif ukoll minn provi diretti pero sabiex din il-Qorti taccetta din it-tezi trid tkun sodisfatta li, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija v David Gatt* deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-17 ta' Gunju, 1988, il-"provi cirkostanzjali huma bhal katina, li tintrabat minn tarf sa tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni."

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Gunju, 1988 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v Lee Borg* gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss.

Illi ghalhekk huwa importanti sabiex tkun tista tinstab il-htija, li jigi ppruvat li kien l-imputat li ghamel dak li gie akkuzat bih (ir-reat ta' serq) u ghalhekk il-Qorti trid tikkonsidra l-provi cirkostanzjali kollha kif ukoll provi ohra diretti li, jew jorbtu lill-imputat b'mod univoku mar-reati addebitati lilu, jew ma jorbtuhx. Skont kif deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-6 ta' Mejju, 1961 fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija v Carmelo Busuttil*: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

Illi fil-kuntest tas-suespost din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkonsidra l-provi mressqa u tara principalment jekk l-imputat ghandux ikun hu responsabbli tas-serq li huwa qieghed jigi akkuzat bihom li sehhew fi granet differenti minn gewwa l-Marsa u l-Hamrun.

**Ikkunsidrat**

<u>Serqa mill-Marsa:</u>

Illi f'dan il-kaz l-Ufficjal Prosekutur gharaf lill-imputat mill-filmati li gew mghoddija lilhu sabiex jinvestiga dawn is-serqiet li gew rappurati. Minghajr ombra ta' dubju l-imputat

jidher b'mod car li kien hu li dahal fis-sit ta' kostruzzjoni u cioe' minn gewwa l-Marsa fejn kien qieghed isir xoghol u min hemm ha diversi oggetti li facilment jistghu jigu identifkati bhala batteries u dispenser tal-ilma. Illi dawn l-oggetti fil-fatt gew rrapurtati nieqsa mill-istaff tal-kumpanija GO. Illi minn dawk li xehedu fuq din il-kwistjoni kkonfermaw l-oggetti li naqsulhom specjalment il-batteries li jintuzaw ghal generator li kien gewwa s-sit ta' kostruzzjoni. Illi skont ma' qal Noel Darmanin bhala *engineer* fis-sezzjoni tal-infrastruttura tal-GO stqarr, li l-ispiza sabiex jergghu jinxtraw il-batteriji kien jammonta ghal €450.74.

Illi kif inghad hawn fuq, din il-Qorti hija konvinta minn dak li rat fil-filmati u kif ukoll minn dak li xehed l-istess Ufficjal Prosekutur li kien l-imputat li dahal fis-sit ta' kostruzzjoni fejn insterqu l-oggetti msemmija.

Illi ghandu jinghad li fit-tieni akkuza, dan is-serq sar ghad-detriment tal-kumpanija Maltacom kif inhi mnizzla fl-akkuzi kontra l-imputat. Kuntrarjament ghax-xhieda kollha li jahdmu mal-kumpanija GO hadd minnhom ma semma li dawn l-oggetti kienu tal-kumpanija Maltacom kif imsemmija fl-akkuza. Illi ghalhekk f'dan il-kuntest il-kliem uzati ghad-detriment tal-Maltacom ma jistax jitqies li huma l-istess ghal kaz tal-kumpanija GO. Illi f'dan il-kaz il-prova necessarja sabiex jigi stabbilit ta' min kienu dawn l-oggetti u cioe' tal-kumpanija Maltacom ma gietx pruvata minn naha tal-prosekuzzjoni. Illi ghalkemm fix-xhieda anki tal-istess Ufficjal Prosekutur kien hemm diversi referenzi ghal kumpanija GO, fil-fatt qatt ma talab jaghmel korrezzjoni ta' tali akkuza. Lanqas jista' jinghad li ngiebet xi prova ohra li tista' tindika li dawn l-oggetti kienu jappartjenu ghal xi persuna ohra. Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jigi misjub hati li huwa kkommetta serq ta' oggeti li jappartjenu lil Maltacom minhabba kif inghad hawn fuq.

<u>Serqa mill-Hamrun:</u>

Waqt li fit-tielet akkuza fejn l-imputat qieghed jigi akkuzat b'serq aggravat bil-mezz ghad-detriment ta' Keith Bugeja, li sehhet fit-12 ta' Mejju 2017 fil-Hamrun. Keith Bugeja

meta xehed qal li huwa dahal gewwa u sab li kellu jigger nieqes li stmah li jiswa madwar tmenin Euro (80). Ghalkemm huwa ma kienx ra din il-persuna, gar tieghu kien infurmah li kellhom filmati mehuda minn CCTV u anki ritratti mehuda waqt li din il-persuna kienet fit-triq.

Illi f'dan il-kaz, l-istess Spettur Elliott Magro mill-filmat tas-CCTV li gie mghoddi wkoll lill-Pulizija, gharaf lill-imputat hiereg minn din ir-residenza li tappartjeni lil Keith Bugeja. Illi minn xhieda ta' David Mercieca li ghandu garaxx fejn jaghmel xoghol ta' mekkanik, faccata tar-residenza ta' Keith Bugeja, kien ra persuna hierga minn got-tambogg tar-residenza ta' Bugeja bi xkora bajda tal-*cotton* fejn ittiehdet mill-istess persuna xi hin wara. Ghalkemm kien ra din il-persuna f'zewg okkazzjonijiet fl-istess post ma kienx gharafa.

Illi pero Luke Salerno li nzerta fuq il-post hdejn David Mercieca kkonferma li fil-fatt kien ha ritratt ta' persuna fejn gie esebit f'dawn il-proceduri. Din il-persuna li dehret fir-ritratt giet indikata minn David Mercieca minhabba li kienet l-istess persuna li dahlet fir-residenza tal-istess Keith Bugeja. Dan ir-ritratt kien gie mghoddi lid-derubat sabiex jinghata lill-Pulizija.

Illi f'dan il-kaz kien hemm zewg persuni li raw persuna fil-vicinanzi tal-post fejn sehhet is-serqa ghad-detriment ta' Keith Bugeja. Ghalkemm dawn iz-zewg xhieda ma gharfux lill-imputat, l-istess Ufficjal Prosekutur ikkonferma li mill-filmat tas-CCTV kien l-istess imputat li deher hiereg minn din ir-residenza. David Mercieca kkonferma li fit-tieni okkazzjoni kien gharaf l-istess persuna li harget minn gewwa ir-residenza ta' Keith Bugeja u kien ghalhekk li huwa talab lil Luke Salerno sabiex jiehu r-ritratt fit-tieni okkazzjoni u anki kien wissa lil din il-persuna.

Illi mic-cirkostanzi kollha li ghandha quddiema din il-Qorti, minghajr ombra ta' dubji, jirrizulta li kien l-istess imputat li dahal f'din ir-residenza u minn hemm insteraq jigger ghad-detriment ta' Keith Bugeja. Mill-indikazzjoni li hemm fil-filmat tas-CCTV johrog bic-car li l-imputat ghadda minn taht il-bieb temporanju li kien hemm fil-propjeta' ta' Keith Bugeja. Illi ghalhekk skont l-artikolu 263 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddeskrivi l-'mezz' bhala *meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietaħ foloz, jew bi skalata.* Illi

ghalhekk dan l-aggravju gie ampjament ippruvat u ghaldaqstant ghandu jwiegeb ghal din is-serqa aggravat bil-mezz.

**Ksur tal-Kundizzjonijiet imposti u r-Recidiva**

Illi fir-raba' akkuza huwa gie akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu b'sentenza mghotija mill-Magistrat D. Frendo Dimech nhar it-18 t'Ottubru 2016. Illi mid-dokument esebit a fol 68 jidher li l-imputat kien gie akkuzat b'serq semplici fejn jidher li fil-komparrixxi hemm mnizzel Art 22 Kap 446. Illi f'din il-kitba ma hemm xejn x'jindika li l-imputat gie misjub hati u minn naha l-ohra l-kitba mnizzla lanqas hija cara sabiex jigi klarifikata l-piena moghtija fil-konfront tal-imputat.

F'dan ir-rgiward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Abela Paul* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna fejn insibu s-segwenti dictum:

> *"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
>
> *"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... "*

Illi f'dan il-kaz kopja tas-sentenza ma gietx esebita u ghalhekk ir-raba' akkuza ma tistax tirrizulta f'dawn ic-cirkostanzi.

Waqt li fil-hames akkuza l-imputat gie akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu minn sentenza mghotija nhar it-13 t'Ottubru 2016. Illi maghdud ma' dak li ntqal hawn fuq dwar il-prova li ghandha tingieb fejn f'dan il-kaz a fol 86 tal-process giet esebita vera kopja tas-sentenza mghotija fit-13 t'Ottubru 2016. Illi f'dan il-kaz jidher b'mod car li l-persuna msemmija f'din is-sentenza huwa l-istess Rodrick Grima minhabba l-fatt li hemm indikat in-numru tal-karta tal-identita' tal-persuna u cioe' 136688M. Illi wara s-

sejbien ta' htija fil-konfront ta' zewg akkuzi ta' serq msemmija hawn fuq, f'dan il-kaz din il-Qorti qieghda ssib hati lill-imputat talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu taht l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie lliberat taht kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena mit-13 t'Ottubru 2016.

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu minn digriet mghoti mill-Magistrat Dr. M. Vella wara li kien inghata l-helsien mill-arrest datat is-26 ta' Gunju 2017. Illi dan id-digriet li gie mmarkat bhala dok EM6 li jinstab a fol 23 gie kkonfermat bil-gurament mill-istess Spettur u ghalhekk l-imputat qieghed jigi misjub hati talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu nhar is-26 ta' Gunju 2017 b'digriet mghoti mill-Magistrat Dr. M Vella ghall-istess ragunijiet msemmija hawn fuq.

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad mill-ewwel li l-unika sentenza li giet esebita fil-konfront tal-imputat kienet dwar serq (sentenza tal-15 t'April 2013 li tinstab a fol 65) fejn l-imputat kien gie misjub hati u kkundannat ghal Probation Order a bazi tal-artikolu 18 tal-Kap 446 ghal sentejn. Illi f'dan il-kaz sentenza fejn il-persuna jinghata Probation Order ma jistax jitqies li huwa recediv (ara sentenza *Il-Pulizija vs Christopher Agius* mghotija mill-Imhallef David Scicluna fil-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004). Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat kien recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu l-Avukat Generali fis-16 ta' Novembru 2018 hareg l-artikoli fil-konfront tal-imputat fejn huwa ghamel referenza ghal artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 289 ghalkemm ma jidhirx fl-akkuzi mahruga mill-Pulizija, il-Qorti hija marbuta b'dawk l-artikoli li jkunu nhargu mill-Avukat Generali ghal sejbien ta' htija jew le. Illi f'dan il-kaz, l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie msemmi u ghalhekk tali prova trid tingieb sabiex l-imputat ghandhux jinstab hati jew le f'dawn ic-cirkostanzi. L-artikolu 289 jaghmel referenza meta persuna f'każijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu (li f'dan il-kaz fuq serq) tigi misjuba hatja l-piena tizdied. Dan l-artikolu jinstab f'parti specjali u din hija dispossizzjoni specjali f'kaz tat-tieni kundanna ghal kommissjoni ta' reati tan-natura li jaqghu f'dan l-artikolu. Illi f'dan il-kaz, is-

sentenzi esebiti fil-konfront tal-imputat kienu ta' natura ta' serq minn diversi postijiet (ara sentenzi a fol 65, a fol 68 u a fol 86).

Illi skont kif inhu deciz, l-imputat ma jistax jitqies li huwa recidiv ghal fini tal-artikoli 49 u 50. Ghalkemm is-sentenzi esebiti kienu jittrattaw fuq serq f'dan il-kaz l-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jigi applikat u cioe' ma taghtix lok ghal zieda fil-piena. L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli "fil-kazijiet ta' recidiva..." u peress li r-recidiva kif definita fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata "tkun giet ikkundannata ghal reat..." persuna li titqieghed taht ordni ta' probation ma tistax titqies bhala persuna recidiva peress li tali ordni, b'effett tal-artikolu 25(1) tal-Att dwar Probation, kif gia spjegat, ghandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija u cioe' ma titqiesx kundanna. Ghalhekk ladarba li ma hemmx recidiva skont l-artikolu 49 ma hemmx recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk is-sentenza dwar serq ma taghtix lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261, 263, 267, 278(1), 278(2), 279(a), 289, 533 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; ma ssibux hati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni u ghaldaqstant qeghda tilliberah minnhom, ssibu hati ta' l-ewwel (1), tat-tielet (3), tal-hames (5) u tas-sitt (6), imputazzjoni, tikkundannah ghal perjodu ta' sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qieghed jinstab hati, u tordna wkoll li l-ammont stabbilit ta' hmistax-il elf u hames mitt Ewro (€15,500) imposti fuq il-hati permezz ta' digriet datat 26 ta' Gunju 2017 ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhux qieghed jigi applikat stante li ma gew inkorsi ebda spejjez fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**